MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2010

Numru 1209/2006

**PULIZIJA (SPETTUR MALCOLM BONDIN)**

**VS.**

**MAXIMILIAN CIANTAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba konta Maximilian Ciantar ta' 16 –il sena bin Emanuel u Maria Diana nee' Borg, imwieled il-Pieta' fit-22 ta' Jannar 1990 u residenti Sapphire, Triq il-Belt Valletta, Hal Qormi, detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 75690 (M).

Billi huwa akkuzat talli fit-13 ta' Novembru 2006 ghall-habta tat-3.00 pm gewwa Hal Qormi ingurja u hedded lil membri tal-Korp tal-Pulizija li huma PC 185 Roger Mifsud u PC 517 Anthony Francalanza liema membri huma nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba likienu ghamlu dan is-servizz,

bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-Ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-istess membri tal-Korp indikati aktar 'il fuq, waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew t'ordni moghti skond il-Ligi minn awtorita kompetenti;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, u f'xi hin qabel, volontarjament ikkaguna feriti ta' natura hafifa fuq ohtu Kim Ciantar u dan skond kif iccertifika it-Tabib Joseph Galea M.D. tac-centru tas-sahha Floriana;

Akkuzat ukoll talli fl-istess hin, lok, cirkustani u xi hin qabel u xi hin wara hebb ghall-ommu Maria Diana, ohtu Kim u missieru Emmanuel sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmlilhom hsara;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded lil missieru Emmanuel permezz t'arma regolari (sikkina);

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u ciskustanzi u fl-ghassa tal-pulizija Hal Qormi xi hin wara qal kliem oxen u dagha fil-pubbliku;

Akkuat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied;

Aktar akkuzat ukoll talli irrenda ruhu recediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, Qorti tal-Minorenni preseduta mill-Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D., nhar is-7 t'Ottubru 2005 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra;

Aktar talli ghamel reat waqt il-perjodu ta' probation b'sentenza li saret definittiva nhar is-7 t'Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta bhala Qorti tal-Minorenni preseduta mill-Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D., fejn kien

issentenzjat skond l-artikolu 7 tal-Kap. 446 ghall-perjodu ta' sentejn;

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija, jekk jidrilha xieraq u biex tipprovdi ghas-sigurta tal-membri tal-familja Ciantar u tal-pulizija imsemmija aktar 'il fuq, flimkien mal-piena jew minflok il-piena, turbot lil Maximilian Ciantar b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' somma ta' flus u dan skond kif hemm indikat fl-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet finali tal-Prosekuzzjoni tas-26 ta' Lulju, 2009.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkonsidrat:

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Marisa  Camilleri irrizulta illi fid-data citata fl-akkuza illi omm l-imputat kienet talbet ghall-assistenza tal-pulizija minhabba l-agir aggressiv ta' binha. L-Ispettur Camilleri xehedet illi l-pulizija kienu waslu fuq il-post minnufih u sabu lil Maximilian Ciantar f'korla sustanzjali u ghamlu sforz kbir sabiex jikkwitawh.  Omm l-imputat Diane Ciantar infurmat lill-pulizija li binha kien heddidhom permezz ta' sikkina.  Iddahhlet ukoll oht l-imputat u gie iggarat ic-charger tal-mobile lejjha u giet aggredita.  Meta waslu l-pulizija Diane Ciantar ghaddiet is-sikkina lill-pulizija.  Din is-sikkina kien irnexxilu johodha missier l-imputat minn idejn l-imputat.

PC 185 u PC 157 kienu waslu fid-dar residenzjali ta' l-imputat u infurmaw lill-Ispettur illi l-imputat kien aggressiv anke fil-konfront taghhom, beda jkellimhom hazin, offendihom bil-familja u imbotta lill-pulizija.  Wara dan il-pulizija irnexxilhom jikkalmaw is-sitwazzjoni u l-imputat gie arrestat.

L-Ispettur Camilleri xehedet illi anke waqt li hija kienet l-ghassa tal-pulizija tkellem lill-imputat, hekk kif l-imputat kien jisma' lehen ommu, kien jerga jibda jirvilla.

Oht l-imputat Kim Ciantar meta giet mitkellma mill-pulizija infurmat lill-Ispettur Camilleri illi hija ma kienetx imwegga' u li ghall-ewwel ma riditx taghmel certifikat mediku izda l-Ispettur esebiet Dok. MC 1 li huwa certifikat taghha.

L-istqarrija ta' l-imputat giet esebita bhala Dok. MC a fol 26 et sequitur.

L-imputat iddecieda fl-istqarrija tieghu li ma jwegibx ghal diversi domandi li sarulu u ghal kumplament qal li ma jiftakarx hlief ghal ahhar twegiba illi stqarr illi l-affarijiet fil-familja tieghu kienu trangaw.

Trevor Calafato Probation Officer ikkonferma illi Ciantar kien inghata Probation fis-sebgha (7) ta' Ottubru 2005.

PC 185 Roger Mifsud a fol 31 et sequitur ikkonferma ix-xhieda ta' l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Marisa Camilleri.

PC 157 Anthony Francalanza ikkonferma x-xhieda ta' PC 185 Roger Mifsud u l-mod illi bih l-imputat hareg jghajjar, jhedded u joffendi lill-pulizija; u li f'mument minnhom kien imobotta lil PC 185 Roger Mifsud. Giet esebita l-okkorrenza Dok. PS a fol 37.

PC 1539 Michael Farrugia informa lill-Qorti illi gie imsejjah jaghti l-assistenza lill-membri tal-korp tal-pulizija shabu fid-data indikata fic-citazzjoni u sab lill-imputat fuq il-bejt ta' Reuben Bottle Shop u arrestah.  Illi meta arrestah, l-imputat kien baqa' kwiet izda kien qieghed jitrieghed gol-karozza.  A fol 44 ikkonferma l-istqarrija ta' l-imputat.

PC 1420 Etienne Tabone ikkonferma illi l-imputat gie arrestat minn fuq il-bejt tal-hanut Reuben Bottle Shop u xehed illi huwa me semghax la ghajjat u lanqas theddid da parti ta' l-imputat.

Dr. Joseph Cassar, psikjatra, esebixxa r-relazzjoni tieghu Dok. JC fejn ikkonkluda illi l-imputat ibaghti minn *Attention Deficit Hyperactivity Disorder, hyperactive impulsice type*, liema kundizzjoni diga rrispondiet ghal-kura ta’ psikjatra.

Diane Ciantar a fol.60 hafret lill-binha l-imputat.

Kim Cianter a fol.61 hafret ukoll lill-imputat u ghazlet li ma tixhidx kontra tieghu.

PS 119 Charles Zammit ikkonferma r-rapport li kien sar minn Diane Ciantar u li kien mar fuq il-post flimkien ma PC 1539 u gew mghejjuna mill-membri tal-Mobile Squad fejn imbaghad l-imputat gie arrestat minn fuq il-bejt ta’ Reuben Bottle Shop.  L-okkorrenza giet esebita bhala Dok. PSX.

L-Ispettur Marisa Camilleri a fol.69 ipprezentat l-esebit MA 3, sikkina, illi Diane Ciantar ghaddiet lill-pulizija.

Diane Ciantar fit-tieni xhieda taghha ikkonfermat il-mahfra taghha u qalet illi l-imputat kien qieghed jghix ma nanntu.

Manuel Ciantar, il-missier, ma xtaqx jixhed kontra ibnu.

Dr. George Debono, psikjatra, ikkonferma id-dijanjosi ta’ l-imputat u spjega li dan kien ta’ dispozizzjoni nervuza hafna u li jkollu hafna problemi ma’ ommu; li huwa kien immedikah u l-imputat kien mar tajjeb hafna.  Dr. George Debono ikkonferma illi l-imputat ma jbghatix b’psikozi.

Ikkunsidrat:

Illi mix-xhieda fuq prodotta jirrizulta b’mod car illi l-kwerelanti ghazlu illi jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali kontra l-imputat u ghaldaqstant il-procediment ghar-rigward tat-tielet u r-raba’ akkuza huwa ezawrit.

Ghar-rigward ta’ l-ewwel u t-tieni akkuza, u cioe’ ingurja u theddid tal-membri tal-korp tal-pulizija u attakk jew resistenza bi vjolenza lill-istess ufficcjali tal-pulizija, din il-Qorti hija tal-fehma illi jirrizulta ipprovat biss l-ewwel

akkuza. Dan qieghed jinghad ‘il ghaliex anke mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni stess, ufficcjal tal-pulizija stess iddikjaraw illi ghalkemm l-imuptat verbalment kien aggressiv hafna, fil-fatt fizikament ma rrizistihomx u eventwalment dan gie arrestat u fil-hin ta’ l-arrest kien ikkalma kompletament.

Ghar-rigward tal-hames akkuza jirrizulta ampjament illi kien hemm sikkina illi giet elevata mill-Prosekuzzjoni u esebita fil-Process izda missier l-imputat Emanuel Ciantar ghazel illi ma jixhidx.

Ghar-rigward tas-sitta u s-saba’ akkuza dwar il-kliem oxxen u dagha fil-pubbliku u ksur tal-buon ordni u paci pubbliku dawn altru illi jirrizultaw ipprovati sodisfacentement skont il-Ligi.

L-ahhar zewg akkuzi, cioe’ dik tar-recediva, din il-Qorti tgharaf illi l-Prosekuzzjoni naqset illi tesebixxi s-Sentenza indikata u certament naqset illi tikkonferma l-identita’ ta’ l-imputat fil-konfront ta’ l-istess Sentenza. Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma tistax issib htija rigwardanti l-ahhar zewg akkuzi.

Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel akkuza u hati tas-sitta u seba’ akkuza; mhux hati tat-tieni, hames u t-tmien u d-disa’ akkuza li minnhom tilliberah, waqt illi tiddikjara li l-procediment ghar-rigward tat-tielet u r-raba’ akkuza huwa ezawrit; u wara li rat l-Arikolu 37, 95, 338 (dd), 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u Artiklu 7 ta’ Kap. 446 tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal zmien sentejn taht is- sorveljanaza tad- Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Din il- piena qed tigi akkordata wara li l- Qorti hadet in konsiderazzjoni l- fatti speci kollha tal- kaz, b’ mod spejcali l- fatt li l- imputat kellhu biss 16 (sittax) il-sena meta wettaq ir- reati li bihom jinsab mixli, l-mahfra tal- genituri tieghu, u r- rapport psikjatriku ta’ Dr George Debono u l-progress li jidher li ghamel l- imputat fil-mori tal- kawza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------